StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2009

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** _______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***



Kien hemm differenza kbira bejn il-karattru tas-Sur Bezzina u dak tas-Sur Buhagiar. Filwaqt li ma' tal-aħħar l-ebda student ma kien jieħu l-iċken kunfidenza, ma nistax ngħid l-istess għas-Sur Bezzina. Lil dan kont taqbadlu fuq il-kaċċa u tarah jintilef fuq is-suġġett. Kien jaf jitkellem mhux biss dwar il-kaċċa lokali, iżda anki dwar dik ta' pajjiżi oħra. Il-kaċċa kienet id-delizzju tiegħu fil-proprju sens tal-kelma. Kien bniedem minn tagħna u dħuli għall-aħħar. L-istudenti, ta' tfal li kienu, waslu biex laqqmuh il-*You See*, minħabba li ta' spiss kien juża din l-espressjoni fil-lezzjoni tiegħu. Kien jaf li t-tfal ħarġuhielu hekk, u flok kien jieħu għalih, kien jitbissem meta jarana ninnutaw din il-ħaġa. *(par.1)*

Mas-Sur Bezzina kollox kien imur ħarir, sakemm ma kinetx tinstema' s-sirena tagħti aħbar ta' xi *air raid*. Meta kien jingħata s-sinjal tal-ħbit mill-ajru, ma kienx jibqa' aktar f'sikktu. Ma kienx ikun kapaċi jaħbi l-biża' tiegħu ... l-aktar jekk jinstema' l-ħoss tal-ajruplani għaddejja, u dawn ikunu tal-għadu! Mhux darba jew tnejn ħalliena ħesrem u niżel jiġri fix-xelter li kien hemm taħt il-kappella l-ġdida tas-Seminarju, u li kien hemm aċċess għalih mill-bitħa ta' ħdejn il-bieb ewlieni. *(par.2)*

Niftakar ħliqa tassew ħelwa fuq dan l-għalliem. Żewġ studenti ddeċidew li lil dan il-povru għalliem jagħmlulu ċajta. Ħadu l-okkażjoni minn ballun li l-awtoritajiet ikkonċernati f'Malta dak iż-żmien kienu jerħu biex jaraw id-direzzjoni tar-riħ. Kien ballun aħmar li dakinhar qabad ir-rotta għal fuq Għawdex. *(par.3)*

L-istudenti ftiehmu li jiġbdu l-attenzjoni tas-Sur Bezzina għal dan il-ballun u jgħidulu li kien bomba merħija bil-paraxut waqt *air raid* li s-sirena kienet ħabbret ftit qabel. Trid tara allura lis-Sur Bezzina jinżel it-taraġ tlieta tlieta u jiġri lejn ix-xelter tas-Seminarju! Fl-istorbju li naturalment inqala', fost l-oħrajn b'ħafna daħq u kummenti, kellna naraw ma' wiċċna lil Dun Klement, li kien magħruf bħala "il-Ministru". Dan kien bniedem ta' dixxiplina. Mhux l-istudenti biss kienu jibżgħu minnu, iżda anke diversi għalliema. Mal-ministru ma kontx tiċċajta!" *(par.4)*

(addattament minn kitba ta' Mons A. Gauci f'***Meta Karbet is-Sirena*** ta' Charles Bezzina)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| A. FEHIM IT-TEST | (10 m |
|---|---|

1. Agħti isem lil din l-istorja.

_______________________________________________ (marka)

2. X'kien il-passatemp favorit tas-Sur Bezzina?

_______________________________________________ (marka)

3. X'karattru kellu s-Sur Bezzina?

_______________________________________________ (marka)

4. Għaliex lis-Sur Bezzina l-istudenti kienu laqqmuh il-*You See*?

_______________________________________________ (marka)

5. Is-Sur Bezzina kien bniedem li ma jibża' minn xejn.

   VERU __________ FALZ________ (marka)

6. X'ried jgħid l-awtur meta qal li mhux darba jew tnejn is-Sur Bezzina kien ħalla lill-istudenti ħesrem?

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

7. X'kien l-użu tal-ballun li l-awtoritajiet kienu jerħu fis-sema?

_______________________________________________ (marka)

8. L-istudenti x'qalu li kien dan il-ballun?

_______________________________________________ (marka)

9. X'għamel is-Sur Bezzina malli sema' dak li qalulu t-tfal?

_______________________________________________ (marka)

10. Għaliex taħseb li l-istudenti kienu jibżgħu ħafna minn Dun Klement?

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 ma... |
|---|---|

StudentBounty.com

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib u ikteb il-**parteċipju attiv** li hawn f'dawn is-sentenzi. L-ewwel waħda hi eżempju.
   (a) Waqt li kien nieżel fix-xelter, żelaq u kiser siequ. <u>*nieżel*</u>
   (b) L-għalliem spjega l-lezzjoni sewwa. _______________
   (ċ) Dun Klement għajjat mat-tifel għax sabu rieqed waqt il-lezzjoni. _______________
   (2 marki)

2. Imla l-vojt bil-**parteċipju passiv** skont il-verb jew nom fil-parentesi. (Ara l-eżempju):
   (a) Wara l-partita qalu li r-referì kien <u>*mixtri*</u>. (xtara)
   (b) L-ajruplan instab _____________________ (farrak) fil-foresta.
   (ċ) Kevin baqa' ________________ (xokk) bid-dehra li ra quddiemu. (2 marki)

3. Ikteb in-numru tal-**forma tal-verb** wara l-verb b'sing taħtu. (Ara l-eżempju):
   (a) Simon <u>inħataf</u> ( **7** ) mill-ħallelin xahar ilu.
   (b) Is-saħħara <u>kissret</u> (__) il-mera malli ħarset lejha.
   (ċ) Il-maħbubin <u>iltaqgħu</u> (__) fl-isqaq ta' wara l-knisja. (2 marki)

4. Immarka t-tweġiba t-tajba.

   ***Meta ser titlaq lejn l-Awstralja?***

   Din is-sentenza hi: (a) **interrogattiva** __; (b) **imperattiva** __; (ċ) **negattiva** __ . (marka)

5. Imla l-vojt bil-**parteċelli** mogħtija taħt.

   Il-lampuka hi ħuta popolari ħafna ____ Maltin. Is-sajjieda joħorġu ____ luzzu tagħhom u jmorru jistadu _____ din il-ħuta. Meta jiġu lura ____ sajda, huma jbigħu l-ħut li jkunu qabdu minn ______ il-moll stess fejn jorbtu l-luzzu.

   | ***għal, mis-, mal-, fuq, bil-*** |
   |---|

   (5 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Sib mit-tieni paragrafu kelma li tfisser mezz li bih tingħata l-aħbar ta' attakk mill-ajru :
   Il-kelma hi ________________________. (marka)

7. Il-kelma **ħliqa** fit-tielet paragrafu tfisser (a) statwa __; (b) kumment __; (ċ) ċajta __.
   (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ANALIŻI TESTWALI**

8. Il-kelma ***taqbadlu*** *(par.1)* qiegħda minflok il-frażi :
   (a) iżżomm lilu __ ; (b) tikkaċċja għalih__ ; (ċ) tibda titkellem miegħu fuq __.

(marka)

9. Il-kelma ***laqqmuh*** *(par.1)* qiegħda tirreferi:
   (a) għas-Sur Bezzina___ ; (b) għas-Sur Buhagiar___; (ċ) għal Dun Klement ___.

(marka)

10. Flok il-kelma __________________ *(par.3)* nistgħu niktbu l-kelma ***direzzjoni***. (marka)

11. Il-frażi ***jinżel it-taraġ tlieta tlieta*** (*par.4*) turi li Sur Bezzina kien jinżel it-taraġ __________ ____________________________________________. (marka)

**SINTASSI**

12. Ikteb din is-sentenza mod ieħor filwaqt li żżomm l-istess tifsira:
    Is-Sur Bezzina kien jitwerwer mill-ħoss tal-ajruplani tal-għadu.

    Il-ħoss____________________________________________________________________

    ______________________________________________________________ (2 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki) |
|---|

1. Agħżel l-idjoma t-tajba u imla l-vojt biha.
   (*jorqod mat-tiġieġ*; *qalb ta' ljun*; *għamel f'qalbu*; *idejh tal-ħelu*; *fuq wiċċ l-idejn*)

Is-Sur Bezzina ma tistax tgħid li kellu ________________________ daqs kemm kien jibża', imma xorta waħda kien maħbub mill-istudenti tant li dawn kienu jżommuh ___________________________ . (2 marki)

2. L-istudenti li daħku bl-għalliem tagħhom ħadu kastig aħrax minn Dun Klement. Il-Malti jgħid li ***dak li tiżra' taħsad***.

Dan il-qawl ifisser: (a) li l-istudenti marru jaħdmu fir-raba' ___

*JEW* (b) li l-istudenti ħadu kastig xieraq ta' għemilhom ___

*JEW* (ċ) li meta l-istudenti jiżirgħu xi xitel, huma jridu jaqtgħu l-frott. ___

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar **50 kelma**.

(a) L-iskola fejn tattendi għadha kemm organizzat Jum il-Premjazzjoni. Għal din iċ-ċerimonja attendew għadd ta' mistidnin distinti u ġenituri. Barra l-għoti tal-premjijiet lil min ġab marki għoljin fl-eżami, kien hemm ukoll varjetà bi żfin, kant u reċtar. Għid fi kliemek x'ġara waqt din l-attività.

**JEW**

(b) Għadek kemm qrajt ktieb interessanti bil-Malti u tixtieq tħajjar lil sħabek jaqrawh huma wkoll. Ikteb deskrizzjoni qasira tiegħu biex tgħidilhom dwar xiex jittratta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** (8 marki)



Għall-proġett ***Idea ta' Lingwa*** int għamilt tiftix dwar il-lingwi differenti tal-Mediterran, l-element Semitiku, Rumanz u Ingliż fil-Malti, l-importanza tal-Ingliż illum, u dwar aspetti oħra tal-lingwa. Ikteb madwar **50 kelma** fuq *wieħed* mis-suġġetti li fittixt dwarhom għal dan il-proġett biex turi x'tgħallimt.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. LETTERATURA (30 m…

(i) **Nadriet**

1. Aqra din is-silta mill-poeżija ta' **Dun Karm** u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**WAĦDI**

Kienet lejla ta' difa li jgħaxxaq,
Qamar jiddi mill-isbaħ smewwiet;
Kollox sieket mal-plajja, fuq wiċċi
Fewġa ħelwa mill-oħla fewġiet.

Kont fuq xifer ta' blata; f'riġlejja
Waħda waħda l-mewġ tasal u tmut.
Kien il-baħar jitbewwes max-xtajta
Hieni u ħiemed maġenbha mixħut?

Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,
Iż-żmien ħelu tal-ħajja bla ħsieb,
Meta kollox hu safi mill-ħtija,
Meta kollox ma' qalbna jinġieb.

a. F'din il-poeżija Dun Karm qiegħed jiftakar f'meta kien għadu _______________ (marka)

b. Il-poeta jgħid li kien jinsab ħdejn _____________________________ (marka)

ċ. L-istrofi tal-poeżija jissejħu: (i) terzini __ ; (ii) kwartini __; (iii) sestini __. (marka)

d. Din il-poeżija għandha rima: (i) imbewsa __; (ii) imqabbża __; (iii) interna __. (marka)

2. Agħżel **waħda** minn dawn il-poeżiji f'**Aktar Nadriet**: (*Fis-Skiet*, *Matul is-Snin tal-Ħajja*, *Jekk baħar Int Għalija*, *Raqdet il-Belt, Fjura tas-Sur* ) u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar **20 kelma**.

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (5 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(ii) **Jinqabad bid-Drogi** (6 m

*Imla l-vojt:*

(a) Ċinzja telqet mid-dar meta kellha biss ___________ -il sena. Jingħad li kienet ___________ fil-vaguni abbandunati.

(b) Helen iżżewġet żgħira għax kien se jkollha ________________ u fiż-żwieġ batiet għax żewġha kien _____________ ħafna.

(ċ) Kienet ___________ li ħajret lil Martin għad-droga u dan spiċċa biex miet fit-triq ħdejn ______________________.

| tfajla, tarbija, *bus stop*, torqod, sittax, isawwatha |
|---|

(iii) **Stejjer taċ-Ċarrut** (6 marki)

*Agħmel sing taħt it-tajba*

1. James Grech telaq mid-dar t'ommu u mar jgħix: (a) *f'palazz*, (b) *f'gebuba*, (ċ) *f'kunvent*.
2. Luka kien baqa' ħaj (a) *ġimgħa*, (b) *xahar*, (ċ) *sena* wara l-inċident li kellu.
3. Wara żmien twil ta' xita u maltemp, iż-żerriegħa li ma gergritx ħarġet rasha minn ġol- (a) *friex*, (b) *ħamrija*, (ċ) *kaxxa*.
4. Oscar kien jinbex lil Willy għax Willie kien tifel: (a) *ġellied*, (b) *twil*, (ċ) *kwiet*.
5. Catullus miet għax għamel f'qalbu: (a) *fil-gaġġa*, (b) *fil-kantina*, (ċ) *fil-wied*.
6. Sladjan, tifel mill-Krajina, telaq mill-iskola biex isir: (a) *għalliem*, (b) *ħaddied*, (ċ) *suldat*.

(iv) **Stejjer Għal Qabel Jidlam** (9 marki)

Agħżel **waħda** minn dawn l-istejjer u għid x'ġara f'madwar **30 kelma**: ***It-tifel tal-Baħar***; ***Ix-Xemx fuq it-Tieqa***; ***L-Ewwel Telefonata***. (Ikteb fuq karta separata.)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Fjura tirrakkonta l-istorja ta' ħajjitha.
2. Li kelli nemigra.
3. L-iskola fejn nattendi.
4. Djalogu bejn żewġ żgħażagħ dwar film interessanti.
5. Ikteb storja li tibda bil-kelmiet: "Kemm għamlet xita dakinhar!"
6. Ir-raħal bit-tajjeb u l-ħażin tiegħu.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers